**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa**

# 8 LEĠIŻLATURA

# Laqgħa Numru 30

**It-Tnejn, 14 ta' Diċembru, 2020.**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' bil-presenza tas-Sur Sindku, fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz "Dar Birżebbuġa", Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fil-ħamsa u nofs ta' waranofsinhar.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Joseph Farrugia | Sindku |
| Is-Sur Scott Camilleri (SC) | Viċi Sindku |
| Is-Sur Sandro Alex Caruana (AC) | Kunsillier |
| Is-Sa Josette Busuttil (JBD) | Kunsilliera |
| Is-Sa Doriana Portelli (DP) | Kunsilliera |

Membri tal-Pubbliku: NIL

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Joseph Baldacchino | Kunsillier |
| Is-Sur Stanley Zammit | Kunsillier |
| Is-Sa Maria Mifsud | Kunsilliera |

**ASSENTI**

Is-Sur Carlo Stivala Kunsillier

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

Is-Sa Rosalie Mintoff – Segretarju Eżekuttiv

Is-Sur Sindku, ippresjeda

## Minuti

## 30.01 Qari tal-ittri t' apoloġija

Is-Segretarju Eżekuttiv qrat l-ittri t' apoloġija tal-Kunsilliera (JB) minħabba raġunijiet ta' saħħa, (SZ) li jinsab fi kwarantina preventiva u (MM) minħabba raġunijiet ta' studju. (SE) ma rċevietx ittra t' apoloġija mingħand (CS). Filwaqt li l-kunsilliera approvaw l-ittri t'apoloġija, talbu lis-Sur Sindku, sabiex jagħmel kuntatt ma' (CS) u jiċċara l-pożizzjoni tiegħu, fin-nuqqas tal-preżenza.

## 30.02 Approvazzjoni tal-Minuti (numru 28) u (numru 29)

30.02.01 Waqt is-seduta ġew approvati l-Minuti tas-seduta ta' qabel bin-numri (28). Għaldaqstant, inġibdet l-attenzjoni mill-kunsillier (AC) fejn indika li kien hemm żball fis-segwenza tan-numri, minn paġna 5 'l quddiem. Hu talab ukoll, sabiex vers numru (28.08.08) jinbidel u jkun jaqra: il-viċi staqsa lil (AC) u mhux (SZ).

30.02.02 (DP) talbet ukoll, sabiex f' vers (28.08.24) tiżdied sentenza li tgħid: (DP) talbet, sabiex tissieħeb fil-kumitat. Il-proponent tal-Minuti (28) kien (AC), is-sekondat mill-viċi Sindku.

30.02.03 Meta (SE) ippreżentat il-Minuti (29) li kienu jikkonċernaw il-laqgħa annwali, il-viċi Sindku astjeni milli japprova, għaliex qal li suppost sar Rapport Amministrattiv. Saret talba mill-(AC), sabiex issir kjarifika. Dakinhar ma teħidx vot, sabiex jiġi approvat.

## 30.03 Skeda ta' pagamenti u petty cash

30.03.01 (SE) ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti numru 12/20, li tkopri xiri bejn l-25 ta' Novembru, u l-11 ta' Diċembru, 2020. Kemm l-iskeda, kif ukoll il-petty cash (numru 11/2020), ġew approvati. Il-proponent kien il-kunsillier (AC), is-sekondat mill-kunsilliera (DP).

## 30.04 Approvazzjoni tal-kwotazzjonijiet

30.04.01 Waqt din is-seduta ġew ippreżentati u approvati dawn il-kwotazzjonijiet:

- Xiri ta' laptop għall-iskrivana l-ġdida – mingħand il-kumpanija KLIKK
- Xiri ta' printer għad-Day Centre – mudell HP mingħand il-kumpanija SCAN

## 30.05 Komunikazzjoni mis-Sur Sindku

30.05.01 Is-Sur Sindku fetaħ din il-parti, billi ta' aġġornament dwar il-laqgħa li kellu mal-amminstrazzjoni tal-Malta Freeport, is-Sur David Magro, flimkien mal-Perit Stefan Buontempo. Huwa fakkar illi l-Kunsill kien rebħilhom is-somma ta' €1,000.000, lima somma għadha ma ġietx dovuta. Spjega wkoll kif fil-preżent hemm applikazzjoni oħra fi ħdan l-

Awtorità tal-Ippjanar, fejn il-Kunsill qiegħed jitlob il-kumpens ta' €500,000. Il-Malta Freeport qegħdin jitolbu sabiex il-Kunsill Lokali jwaqqa' l-appell u n-neħħu wkoll it-talba tal-€500,000.

30.05.02 Il-viċi Sindku staqsa lis-Sindku jekk il-Malta Freeport għamlitx din it-talba bil-miktub, jew verbalment. Is-Sindku wieġeb - verbalment. Għaldaqstant, il-viċi Sindku talab lil (SE) sabiex torganizza laqgħa mas-Sur Magro u l-Perit Buontempo.

30.05.03 Is-Sindku talab, sabiex il-Perit Carmel Cacopardo jkun preżenti għal din il-laqgħa, madankollu, (AC) oġġezzjoni għaliex stqarr li din hija deċiżjoni tal-Kunsill. Il-viċi ssuġġerixxa li l-Perit għandu jkun qiegħed hemm bħala advisor. Il-Kunsill qabel li jimxi ma' dan is-suġġeriment.

30.05.04 Is-Sindku staqsa lil (AC) fuq il-proġett ta' Triq San Patrizju. (AC) ikkonferma li l-pjanti jinsabu lesti u ġew sottomettati l-Awtorità tal-Ippjanar. Is-Sindku aġġorna lil kunsilliera li għamel ittra sabiex il-pompa tal-petrol tiċċaqlaq minn fejn indikata. (AC) qal li s-sid intalab sabiex juri l-pjanti tiegħi, iżda qal li għadhom mhumiex lesti. (AC) qal li għad irridu jagħmlu studju dwar l-impatt tat-traffiku. Skont (AC), fir-rigward tal-parkeġġ, mhix problema. Is-Sindku fakkru li fuq Triq San Filepp, diġà hemm id-deċiżjoni tal-Kunsill.

30.05.05 Is-Sindku tkellem ukoll fuq l-estenzjoni tal-binja tal-Kunsill. Huwa qal li dan il-proġett jista' jsir permezz ta' fondi li l-Kunsill għandu fl-Awtorità tal-Ippjannar, taħt l-iskeda tal-Planning Gain. Il-viċi talab lis-(SE) sabiex tikkonferma jekk dawn humiex marbuta ma' proġetti ambjentali biss.

30.05.06 Is-Sindku talab lis-(SE), sabiex tikteb lil Ministru tat-Trasport, biex jibgħat surveyor jeżamina t-triq Dawret il-Qalb Imqaddsa, sal-Bajja s-Sabiħa, kif ukoll Triq l-Imnarja u Misraħ il-Knisja, il-parti ta' quddiem Triq is-Sajjied.

## 30.06 Punti mressqa mis-Segretarju Eżekuttiv

30.06.01 (SE) resqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill, ir-rapport finanzjarju, imħejji mill-accountant tal-Kunsill li jinkludi wkoll ir-reviżjoni tal-baġit allokat għas-sena 2021. Dan il-baġit ġie approvat. Il-proponent kienet (JBD), is-sekondata mill-viċi.

30.06.02 Il-viċi Sindku ġibed l-attenzjoni li, li kieku l-lokalità ta' Birżebbuġa tiġi ddikjarata bħala Lokalità Turistika, il-baġit allokat ikun aktar mis-somma allokata. Huwa stqarr li diġà sar ħafna xogħol, filwaqt li hemm xogħlijiet oħrajn skedati sabiex din il-lokalità tiġi mniżżla fil-lista tal-lokalitajiet turistiċi. Madakollu, is-Sindku ma qabilx. Huwa qal li Birżebbuġa ddikjarata bħala żona industrijali. (JBD) fakkret li l-proġett mistenni ta' Wied il-Buni, żgur mhux ikkunsidrat bħala żona industrijali. Għaldaqstant, il-viċi ssuġġerixxa li jekk Birżebbuġa ma tiġix iddikjarata bħala Lokalità Turistika, nagħmlu laqgħa mal-Ministru, għaliex wara kollox il-proġett ta' Wied il-Buni ser issir mill-Eco Contribution Fund.

30.06.03 Il-viċi talab ukoll sabiex f' Jannar 2021, nipproponu data biex niddiskutu kif ser inkunu qegħdin inqassmu l-proġetti u l-baġit allokat.

## 30.07 MoU relatata mas-servizz tal-pulizija fil-lokalità

30.07.01 Minħabba li din l-MoU ħadem fuqa l-kunsillier (SZ) u llum jinsab indispost, il-Kunsill qabel li jipposponi din l-item fuq l-aġenda għal seduta oħra.

## 30.08 Mistoqsijiet imressqa mill-kunsilliera

30.08.01 Il-kunsillier (DP) spjegat li kellha laqgħa fuq il-post mal-foreman, fuq ir-railing tal-bandli. Madankollu, l-uffiċċju għandu jiċċekja minn min kienu saru fil-passat. (DP) tkellmet ukoll fuq l-istatt tat-tapiti tal-bandli ta' Pretty Bay u staqsiet jekk xi ħadd jiftakkarx meta kien sar. (SE) wieġbet illi t-tapit ikun inkluż ukoll fir-rapport tar-Risk Assessment, li kien sar f'Lulju, 2020. (SE) għandha tibgħat kopja ta' dan ir-rapport lil (DP). (DP) reġgħet fakkret fuq it-tabelli tal-qtates. Madankollu, meta (SE) kienet resqet din it-talba lill-Awtorità tat-Trasport, il-Kunsill ġie magħraf illi l-Awtorità qed taġġorna l-policies tagħha fejn jidħlu tabelli fil-lokalitajiet. (DP) tkellmet ukoll fuq l-inċident tal-Qajjenza u jekk hemmx xi żvilupp fir-rigward l-isleeping policeman. (AC) wieġeb li s'issa għad m'hemm xejn, madankollu anke fi Triq Għar Dalam, jekk ma jsir xejn mill-Awtorità tat-Trasport, il-Kunsill irid jieħu azzjoni. (AC) qal ukoll li għadu qed jistenna min-naħa tal-kunsillier (SZ) fir-rigward tal-proġett tat-traffic diversion għal Qajjenza kollu. (DP) tkellmet ukoll fuq ix-xewqa ta' cat cafè ħdejn is-sur u li din l-area trid titnaddaf. (DP) spjegat fuq il-kompetizjoni tal-Milied għat-tfal, bil-premju ta' €250.00. Hija qalet li ser ikun hemm tliet membri tal-ġurija li huma indipendenti. Il-kompetizzjoni ser tkun tikkonsisti f'ħami ta' kejkijiet, jew kraft.

30.08.02 Il-kunsillier (AC) aġġorna lil Kunsill, li segwa t-talba tal-kopja li kienet attendiet għal laqgħa annwali. Dawn kienu wrew ix-xewqa li fuq il-post issir estenzjoni għal parkeġġ, iżda . wara kienu bidlu fehemthom u xtaqu li ssir soft area. Il-kunsillier (MM) ser tkun qiegħda tikkordina ma' Infrastructure Malta.

30.08.03 (AC) tkellem ukoll dwar il-każ tal-berm, f' Wied il-Buni. Waqt laqgħa li kellu mal-Għaqda Sajjieda Dilettanti, l-Għaqda proponiet li l-parti ta' quddiem ta' dan il-berm, minflok bil-ġebel kbir kif ġie ddisinjat, isir bil-konkos, sabiex ikun jista' jservi bħala loading/ unloading għal fuq id-dgħajjes. Waqt din il-laqgħa, (AC) ippropona li l-Kunsill lest li jipprovdi s-servizz ta' CCTV, sabiex ikun ċert li dan l-iskop isservi verament ta' loading/ unloading u mhux biex wieħed jittrakka d-dgħajsa u jħalliha hemm hekk. Il-viċi propona li għanda ssir laqgħa wkoll mas-Sailing Club, kif ukoll mar-Regatta Club, sabiex dawn ikunu aġġornati u l-Kunsill ukoll jisma' x-xewqat tagħhom. (SE) ser torganizza din il-laqgħa, kif ukoll il-pubbliku ser ikun qiegħed jiġi mistieden sabiex jattendi.

30.08.04 (AC) aġġorna lil Kunsill fir-rigward is-CCTV tax-Xatt li ser tiġi installata jumejn oħra, minħabba l-conduit tad-dawl. (AC) qal li l-Kunsill irrid jiddeċiedi lil min ser ikun qiegħed jagħti l-card għall-aċċess, kif ukoll kemm wieħed ser ikun qiegħed iħallas għaliha.

30.08.05 (AC) aġġorna lil Kunsill fir-rigward tal-bust ta' San Ġorġ Preca. Huwa qal li l-bust jinsab lest, filwaqt li fil-preżent qiegħed jinħadem il-pedestal.

30.08.06 (AC) talab stima lil manifattur tal-bust, għall-istatwa tal-mara bil-ħamiema. Huwa qal li din taf tiġi tiswa madwar €45,000.00. (SE) qalet li meta s-Sindku ġab stima kienet tlaħħaq 'l fuq minn €160,000.00. Is-Sindku fakkar li l-ex Ministru tal-Edukazzjoni kien wiegħdu li ser ikun qiegħed jagħmilhielna hu.

30.08.07 (AC) tkellem ukoll fuq il-fanali ta' Bengħisa, kif ukoll ta' Misraħ San Ġorġ. Huwa qal li għadu qed jikkordina ma' (SZ).

30.08.08 (AC) ta aġġornament fuq Sqaq Kanon – li għadna qed nistennew minn Infrastructure Malta. Triq Dun Vinċenz Fenech – jekk hix privata jew le. L-Awtorità tat-Trasport qed tistenna approvazzjoni fuq applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar.

30.08.09 Il-Viċi Sindku ta aġġornament dwar l-Isteering Committee, fejn qal li l-Malta Trust Foundation, iddeċidiet li tagħmel polza tal-assigurazzjoni min-naħa tagħha, filwaqt li tinsab kuntenta ħafna bl-operat tal-Kunsill.

30.08.10 Il-viċi talab sabiex tingħata kisja ta' cold asphalt fi Triq l-Imnarja. Is-Sindku talab lil (SE) sabiex tibgħat emajl lil Ministru fejn titlob biex tibgħat surveyor min-naħa ta' Infrastructure Malta, biex jiċċekkja fuq:

- Dawret il-Qalb Imqaddsa – id-dawra tal-promenade kollu sal-Bajja s-Sabiħa,
- Triq L-Imnarja,
- Misraħ il-Knisja – il-parti ta' ħdejn Triq is-Sajjied.

30.08.11 Il-viċi staqsa għall-aġġornament fuq l-installazjoni tat-tieni CCTV fuq l-ibins ta' Triq Kartaġiniżi, kantuniera ma' Triq il-Port Ħieles. (SE) għandha tiċċekja ma' (MM) u tikteb lil GreenPak.

30.08.12 Il-viċi ssuġġerixxa li l-foreman għandu jqabbad nies, sabiex jagħmlu tiswijiet fuq il-kurduni tal-bankini. (SE) ser tkun qiegħda tressaq din it-talba lil foreman.

30.08.13 Il-viċi ssuġġerixxa li l-Kunsill għandu jkollu policy interna li sservi bħala guidelines, biex il-kunsilliera jkunu jistgħu jirreferu għaliha, biex il-customer care jimxi magħha.

30.08.14 Il-viċi ssuġġerixxa li l-Kunsill għandu jkollu aċċess tal-One Drive, sabiex il-kunsilliera jkollhom aċċess għar-rapporti. (SE) trid tiċċekja fuqa, mal-kuntrattur tal-operat.

30.08.15 Il-kunsillier (JBD) stqarret li issa wara r-reshuffle tal-kabinett, ikun għaqli li l-Kunsill jistieden lit-tliet ministri ġodda. Il-viċi ssuġġerixxa li għandna nistiednu lil kulħadd. (JBD) qalet li hemm bżonn li nkunu ċerti li l-wegħdi li kellu l-Kunsill mill-ministri ta' qabel, ser jibqgħu attwatti. Il-viċi qal li għandha ssir sejħa waħda, anke għax-shadow ministers. (DP) staqsiet fuq il-proġett li jaqa' taħt id-dekasteru tagħha, fir-rigward il-bini tal-librerija l-ġdida, jekk hux ser issir jew le. Madankollu, il-Kunsill wieġeb li għandha tibqa' sejra bil-proċess.

30.08.16 (JBD) staqsiet dwar il-problema ta' xi residenti li qegħdin isibu diffikultà biex joħorġu l-vettura mill-garaxx, fi Triq Ferdinard Stuflesser. (AC) ser ikun qiegħed isegwi.

30.08.17 (JBD) resqet it-talba biex issir tabella li tindika li hemm żona għall-parkeġġ, ħdejn Għar Dalam. (SE) ser tkun qed tikkordina mal-uffiċċju.

30.08.18 (JBD) staqsiet lil (AC) dwar is-servizz tal-karozza tal-linja, mill-Qajjenza. (AC) qal li meta ċċekja mal-MPT qalulu li mhuwiex qed ikun hemm nies biex jagħmlu użu minn dan is-servizz. L-MPT qalulu li qed jaħdmu biex iżidu s-servizz tal-karozza numru (85), biex toperà kull 30 minuta. (AC) sostna, ġaladarba s-servizz mhuwiex qiegħed jiġi mogħti lir-residenti, dawn qegħdin jispiċċaw jinżlu Birżebbuġa, biex jinqdew.

30.08.19 (JBD) staqsiet lil (AC) fuq l-istatus li kien hemm fuq il-paġna tal-facebook, li tindika li l-proġett ta' San Ġorġ, kien ser jibda. (AC) qal li jidher li hemm xi problema mal-kuntrattur, filwaqt li s-Sindku qal li semgħa li xogħlijiet waqfu. (JBD) qalet li hemm bżonn li n-nies ikunu aġġornati, mhux l-ewwel telgħa l-post li ser jibda u issa xejn.

30.08.20 (JBD) staqsiet rigward il-bus stop ta' quddiem l-ex każin tan-Nazzjonalisti. (SE) wieġbet li għalkemm dak huwa xogħol il-MPT, però ser ikun qiegħed jiġi installat mill-foreman.

30.08.21 (JBD) talbet lis-(SE) sabiex tikteb lill-Awtorità tad-djar, li fi triq FM Ferretti hemm blokka appartamenti mikrija mill-istess Awtorità li hemm bżonn li jieħdu ħsieba. (SE) ser tkun qed tibgħat emajl lil din l-Awtorità u tinformahom bil-kundizzjoni.

## 30.09 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

30.09.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata fit-tmienja u nofs ta' fil-għaxija. Il-Kunsill qabel li d-data tas-seduta li jmiss, għanda tiġi mifthema aktar tard, permezz ta' emajl bejn il-kunsilliera. Madankollu sakemm inkitbu dawn il-minuti, id-data ġiet stabbilità għall-Ħamis, 14 ta' Jannar, fil-ħamsa u nofs ta' waranofsinhar.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ___________________________ | _________________________ |
| Joseph Farrugia | Rosalie Mintoff |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |